**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 21 ta' Jannar 2019**

**Rikors Numru 26/2018**

**Nigel Pace Asciak**

**-vs-**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Nigel Pace Asciak** fit-23 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi l-esponenti huwa s-sid tal-vettura ta' l-għamla Land Rover 90, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBA 871. Fis-6 ta' Jannar 2018 l-esponenti kien applika ma l-Awtorita' intimata sabiex il-vettura Land Rover 90, propjeta' tiegħu tiġi reġistrata bħala vettura vintage, u dan ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta – kopja ta' l-applikazzjoni qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;*

2. *Illi flimkien ma l-applikazzjoni in kwistjoni, l-esponenti kien ukoll issottometta dokumenti relattivi in sostenn ta' l-istess applikazzjoni, b'mod partikolari r-ritratti tal-vettura li kienu mitluba ai termini ta' l-istess applikazzjoni u liema ritratti juru b'mod ċar il-partijiet differenti tal-vettura in kwistjoni u l-istat tal-vettura odjerna – r-ritratti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. B sa Dok. I;*

3. *Illi permezz ta' ittra mibgħuta mill-Awtorita' intimata fit-2 ta' Marzu 2018 (kopja ta' l-ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. J), l-esponenti ġie nfurmat bid-deċiżjoni mittieħda mill-Kumitat għal-Klassifikazzjoni ta' vetturi vintage illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex il-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBA 871 tkun reġistrata bħala vintage ma kinitx aċċettata, u dan a bażi tal-fatt tan-non-period engine, kif indikat fid-disqualification report anness ma l-ittra appena msemmija;*

4. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn dina d-Deċiżjoni u qiegħed jikkontesta l-istess fuq żewġ kunsiderazzjonijiet : (a) fl-ewwel lok il-magna kienet magħmula fl-istess perjodu ta' manufattura tal-vettura in kwistjoni, u (b) fit-tieni lok, il-magna installata fil-vettura in kwistjoni, bl-ebda mod ma tista' titqies illi din taffettwa jew tnaqqas jew tbiddel l-istat jew il-mod ta' kif il-vettura kienet topera meta nħarget mill-fabbrika;*

5. *Illi, f'dan il-punt umli referenza qiegħda ssir għad-definizzjoni ta' vettura vintage hekk kif stabbilita fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' vetturi bil-Mutur (Kapitoli 368 tal-Liġijiet ta' Malta), fejn dan l-Att jistipula illi "vettura vintage " tfisser vettura awtentika u ġenwina li jkollha tletin sena jew aktar (li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura), kif ċertifikata mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage, li* ***tkun miżmuma fi stat li jkun qrib kemm jista' jkun possibbli tal-istat oriġinali*** *kif ikun ipproduċiha l-manifattur u li tkun tirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vetturi klassiċi u vintage." (enfasi ta' l-esponenti);*

6. *Illi di piu, l-Artikolu 25 ta' l-istess Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' vetturi bil-mutur, jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti sabiex vettura tikkwalifika bħala vettura vintage:*

> *25. (1) Is-sid ta' vettura bil-mutur li jkollha tletin sena jew aktar, li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha, jista', wara li jħallas id-dritt stabbilit mill-Awtorità, jibgħat applikazzjoni lill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi vintage fuq il-formola preskritta biex dik il-vettura, kemm jekk diġà reġistrata f'Malta jew jekk tkun ġiet impurtata jew miġjuba f'Malta iżda ma tkunx għadha ġiet reġistrata f'Malta, tiġi klassifikata bħala vettura vintage.*
>
> *(2) Biex tiġi klassifikata bħala vettura vintage, vettura bil-mutur trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:*

*(a) il-vettura bil-mutur għandu jkollha* **tletin sena jew aktar** *li jibdew jgħoddu mid-data tal-manifattura tagħha;*
*(b) il-vettura bil-mutur għandha tkun fi* ***stat li jkun, kemm jista' jkun, viċin l-istat oriġinali tagħha kif ikun ipproduċiha l-manifattur****; u*
*(ċ) il-vettura bil-mutur tkun* ***ġiet miżmuma fi stat li jirrispetta l-ispirtu tal-preservazzjoni ta' vettura vintage****. (enfasi ta' l-esponenti).*

7. *Illi f'dan ir-rigward id-definizzjoni u l-artikolu tal-Liġi fir-rigward ta' vetturi vintage huma ċari in kwantu sabiex vettura tikkwalifika bħala vintage, apparti r-rekwizit ta' tletin sena żmien, il-vettura trid kemm jista' jkun tkun miżmuma fi stat viċin ferm l-istat oriġinali tagħha. F'dan ir-rigward il-Liġi hija ċara in kwantu l-vettura trid tinżamm vicin l-istat oriġinali tagħha, liema rekwiżik konsegwentement jindika illi sabiex tikkwalifika, il-vettura ma tridx tkun mhux mittiefsa jew modifikata, iżda l-vettura trid tkun tali mingħajr modifiki u / jew jekk ikun hemm xi affarijiet li ma humiex l-oriġinali, dawn iridu jkunu tali li l-vettura xorta waħda taħdem u jkollha d-dinamika l-istess bħal meta ħarġet mill-fabbrika;*

8. *Illi jingħad bir-rispett illi rigward il-magna li hemm preżentement installata fil-vettura ta' l-esponenti, liema magna kienet ir-raġuni ta' rifjut għall-applikazzjoni appellata, kienet oriġinarjament inħarġet u manufatturata fis-sena 1989 u ċioe fi żmien sena mid-data ta' manufattura tal-vettura nnifisha. Jingħad għalhekk illi din il-magna għandha xorta wahda titqies bħala ta' l-istess perjodu bħal dik tad-data ta' manufattura tal-vettura in kwistjoni;*

9. *Illi di piu, jingħad bir-rispett illi f'dan ir-rigward s-sempliċi tibdil tal-magna għal magna li preżentement hemm, nonostante illi ma kinitx il-magna oriġinali, din xorta waħda kienet tali li ħalliet il-vettura fl-istess stat u rriteniet l-istess mekkaniżmu ta' hidma u użu, bħal ma kellha meta kien hemm il-magna oriġinali tagħha. Dan tant hu l-każ illi fil-fatt ma kienu jinħtieġu assolutament ebda tibdil jew modifikazzjonijiet jew allinjamenti oħrajn sabiex din il-magna tiġi installata;*

10. *Illi jingħad bl-akbar rispett illi jekk wieħed jieħu dan in kunsiderazzjoni, jirriżulta għalhekk illi mingħajr preġudizzju għal kunsiderazzjoni taż-żmien, din il-vettura xorta rriteniet u baqgħet fi stat ferm viċin għal dak oriġinali;*

11. *Illi f'dan ir-rigward, jingħad illi din il-magna preżentement installata, mhux talli ma bidlet xejn fir-rigward tal-mechanics tal-karozza, iżda dawn baqgħu kollha kif kienu, in kwantu ta' wiring u fejn qabel l-operat kien manual transition, xorta baqa' manual transition u ma nbidlitx għal waħda automatic. Qiegħed jiġi umilment sottomess illi huwa biss il-magna li nbidel – il-mod ta' kif din tinħadem il-vettura baqgħet l-istess;*

12. *Illi dan magħdud ma dak su espost fir-rigward anche tad-data tal-magna, għandu jirriżulta illi indipendentement mill-magna illi hemm installata, din xejn ma bidlet fir-rigward ta' kif kienet taħdem oriġinarjament il-vettura, u għaldaqstant għandu jrriżulta ukoll illi minkejja l-magna, l-vettura in kwistjoni xorta waħda baqgħet u żammet l-istess karatteristika u l-istess stat għal dak l-istat oriġinali tagħha, u għalhekk għandha titqies bħal vettura vintage ai termini ta' l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 368;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal, previa kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna:*

a. *Jiddikjara illi d-deċizjoni ta' l-Awtorita' intimata li ma taċċettax l-applikazzjoni ta' l-esponenti sabiex il-vettura Land Rover 90 bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBA 871 propjeta tiegħu, tigi kklassifikata bħala vettura vintage hija infondata u nġusta;*
b. *Konsegwentement tikkundanna lill-Awtorita' ntimata sabiex tiddikkjara li tali vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBA 871 tikkwalifika bħala vettura vintage, u*
c. *Konsegwentement ttikkundanna lill-Awtorita' ntimata sabiex toħroġ iċ-ċertifikati u dokumentazzjoni relattivi fir-rigward tal-vettura vintage. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** pprezentata fis-6 ta' April 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-
"

1. *Illi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' fil-kaz odjern tramite l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage hija wahda gusta u korretta u ghalhekk l-appell interpost mill-appellant Nigel Pace Asciak ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu.*

2. *Illi l-vettura in kwistjoni ma tikkwalfikax bhala vettura vintage ghar-raguni illi l-magna mhijiex il-magna orginali taghha u ma jista' bl-ebda mod jinghad li, minkejja illi l-vettura in kwistjoni giet iffittjata b'magna differenti minn dik originali, din il-vettura nzammet fi stat kemm jista' jkun vicin l-istat originali taghha kif ipproduciha l-manifattur, u dan kif se jigi ampjament spjegat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza inkluz mill-membri*

*tal- Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage li ghandhom expertise kbir fil-qasam tal-vetturi vintage u anke b'mod partikolari fil-vetturi Land Rover.*

3. *Illi ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud u d-decizjoni moghtija mill-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi Vintage fi hdan l-Awtorita' rispondenti ghandha tigi kkonfermata."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.
**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti pproceda b'dan ir-rikors stante li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata notifikata lilu permezz ta' ittra datata 2 ta' Marzu 2018 li permezz taghha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu sabiex il-vettura tieghu tal-ghamla Land Rover tigi kklassifikata bhala vettura *vintage* kienet giet rifjutata peress li kellha *a non-period engine*.

**Ir-rikorrent** stqarr illi huwa xtara l-vettura in kwistjoni fl-2016 u ilu ghal zmien twil jinteressa ruhu fil-mudell Land Rover u ghandu anke vetturi ohra tal-istess mudell u mudelli iktar antiki minn dik mertu ta' dan l-appell. Jispjega li huwa m'ghamel l-ebda modifika fuq il-vettura wara li xtraha, pero` kien konxju li l-magna taghha kienet giet mibdula. Jispjega li l-magna originali kienet 2495 Diesel filwaqt li dik mibdula hija 2495 Turbo Diesel.

**Joseph Abela**, membru tal-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, jispjega li fil-kaz odjern il-vettura kienet tat-tip Land Rover 90 tal-1988 li kienet harget mill-fabbrika b'magna tissejjah "diesel turbo". Jispjega li l-magna "turbo diesel" kienet tintuza fuq mudell iehor imsejjah Range Rover. Jispjega li fl-1989 il-Kumpanija Land Rover zviluppat il-mudell Discovery li kellu magna "diesel turbo" pero` b'kuncett totalment differenti mid-"diesel turbo" li wiehed kien isib fuq il-Land Rover 90. Il-magna "diesel turbo" iffittjata fuq il-mudell Discovery kien b'*cylinder head* tal-*aluminium* biex jitnaqqas il-piz u l-hoss zejjed tal-magna u diversi mekkanizmi biex tissahhah il-magna. In oltre, fl-1990 il-fabbrika Land Rover harget il-mudell Defender

b'magna gdida u cioe` TDI 200. Ix-xhud jispjega li l-magna fuq il-vettura tar-rikorrent hija proprju ta' dan il-mudell. Dan gie stabbilit peress li l-prefiss tal-magna tal-vettura odjerna jirrizulta mil-*log book* li huwa 12L li jikkorrispondi ma' magna TDI 200.

**Albert Pisani**, membru iehor tal-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage*, spjega li l-vettura in kwistjoni kellha ffittjata fiha magna li harget sentejn wara dik li kienet iffittjata originarjament fuq l-istess vettura. Jispjega li l-magna tal-vettura in kwistjoni ghandha l-istess kapacita` tal-magna li kellha qabel, pero` l-mudell fuq il-vettura in kwistjoni kien mudell li hareg fuq tip ta' vettura ohra wara li l-produtturi skoprew li l-magna originali ma kinitx b'sahhitha bizzejjed ghat-*turbo* aggunt maghha.

**Ikkunsidra:**

Illi din l-kwistjoni hija wahda pjuttost semplici. Filwaqt li l-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* qieghed isostni li l-bdil fil-magna jiskwalifika lill-vettura in kwisjtoni milli tigi kklassifikata bhala *vintage*, ir-rikorrent qieghed isostni li tali bdil huwa wiehed li ma jbiddel xejn min-natura tal-magna stante li ghandha l-istess cilindrata u anke l-istess *bore* u *stroke*. Dan kollu jirrizulta minn dokument B esebit mir-rikorrent a fol. 44 *et seq.* tal-process.

Illi l-Awtorita` intimata ghandha linji gwida li l-Kumitat imsemmi ghandu jimxi fuqhom sabiex jikklassifika l-vettura bhala *vintage*. Skond paragrafu 2.2 tal-imsemmija linji gwida vettura *vintage* hija definita skont is-segwenti:-

***"Vintage vehicle means an authentic and genuine vehicle thirty years of age or more (to be reckoned from the date of manufacture), as certified by the Vintage Vehicle Classification Committee, which is kept in a state which is as close as possible to its original state as produced by the manufacturer and which respects the spirit of classic and vintage vehicle preservation."*** [1]

Illi f'paragrafu 3.4 tal-imsemmija linji gwida wiehed isib ukoll is-segwenti:

[1] Din hija wkoll id-definizzjoni li Kapitolu 368 (Att Dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur) jaghti ghat-terminu "vetturi *vintage*"

***"The engine has to be the same series as that fitted by the manufacturer. If the engine fitted to the applicant vehicle was never fitted by the factory or factory approved third party, this is an automatic failing point. The overall look and feel of the period in question must be respected. Upgrades and engine modifications are accepted as long as they reflect the period."***

Fil-fatt fl-istess linji gwida wiehed isib ezempji ta' x'inhu accettabbli u x'mhuwiex accettabbli. Wiehed minn dawn l-ezempji jikkoncerna ezattament vettura tal-ghamla Land Rover u cioe`:

***"Example E3***

***Acceptable: A sixties Land Rover that was originally fitted with a 2286cc Rover petrol engine but is now fitted with a 2286cc Rover diesel engine.***

***Unacceptable: The same vehicle as above originally fitted with a 2286cc rover engine, now fitted with a later 2495cc Rover engine which was never done by the factory."***

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jikkontendi li la huwa accettabli li magna *petrol* tigi mibdula ghal wahda *diesel*, iktar u iktar huwa accettabli l-bdil li sar fil-magna in kwistjoni, u dan ghaliex din zammet l-istess cilindrata u hija tal-istess epoka. Jissottometti li l-linji gwida jesigu li l-modifiki jkunu jirriflettu l-epoka u mhux li jkunu ta' l-istess sena meta l-fabbrika tkun harget il-magna. Min-naha l-ohra, il-membri tal-Kumitat ghall-Klassifikazzjoni ta' Vetturi *Vintage* sahqu li ladarba l-vettura in kwistjni hija ffittjta b'magna li harget sentejn wara li hareg il-mudell Land Rover 90, magna li hi iktar superjuri minn dik originali, l-applikazzjoni kellha tigi michuda. Izjed minn hekk, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-Awtorita` intimata tishaq li r-rikorrent konvenjentement ma jsemmiex l-ezempju ta' meta t-tibdil fil-magna mhux accettabbli, u cioe t-tieni ezempju msemmi hawn fuq.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jara jekk il-Kumitat imsemmi uzax id-diskrezzjoni moghtija lilu sabiex jikklassifika vettura tistghax tigi mejqusa bhala *vintage* jew le b'mod ragjonevoli u gust. Din id-diskrezzjoni necessarjament tohrog mill-fatt illi l-paragrafu 3.4 tal-linji gwida citat iktar 'il fuq jaghti certu liberta` lill-membri tal-Kumitat jgharblu c-cirkostanzi kollha tal-applikazzjoni partikolari sabiex jaslu ghad-decizjoni taghhom. Fil-kaz in

ezami, dak li kellhom jevalwaw huwa jekk il-vettura in kwistjoni, ghalkemm mhux b'magna originali, setghetx tigi klassifikata bhala *vintage*.

Illi t-Tribunal josserva illi mill-informazzjoni supplita mill-istess rikorrent f'Dokument B a fol 44, u cioe` informazzjoni mnizzla mill-Wikipedia, jirrizulta illi hemm numru ta' specifikazzjonijiet taz-zewg mudelli ta' magni li huma l-istess. Dawn principalment huma l-*layout*, il-*valves*, il-*capacity*, il-*bore* u *stroke* u l-*induction.* Filwaqt li l-*block/head*, il-*compression ratio,* il-*fuel injection,* il-*power* u t-*torque* ghandhom specifikazzjonijiet differenti.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm hemm xi specifikazzjonijiet li huma differenti fiz-zewg mudelli, xorta wahda l-magna li l-fabbrika harget sussegwentement ghal dik originali tista' titqies tal-istess epoka ai fini tal-linji gwida tal-istess Awtorita`. Illi dan it-Tribunal ma jikkondividix l-argument tal-Awtorita` intimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi dan il-kaz iktar jixbah lit-tieni ezempju msemmi hawn fuq u cioe` li mhux accettabbli li magna originali *2286cc rover tigi mibdula ma wahda iktar ricenti 2495cc rover li qatt ma kienet manifatturata mill-fabbrika*. Dan it-tieni ezempju proprju jirrigwarda magna li qatt ma giet manifatturata mill-fabbrika, u iktar minn hekk ta' cilindrata differenti. Kwindi certament ma jistghux isiru paragauni mal-kaz odjern.

Di piu` l-istess linji gwida jistipulaw illi *upgrades* u modifiki huma accettabli sakemm jirriflettu l-epoka. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal il-fatt li l-vettura in kwistjoni ghandha magna li harget fl-1989, meta l-magna originali harget fl-1988, jista' jigi kkunsidrat bhala *upgrade* li jirrifletti l-epoka. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kumitat interpreta paragrafu 3.4 tal-linji gwida b'mod ristrettiv hafna u mhux fl-ispirtu li saru l-istess linji gwida. Li kieku l-Awtorita` intimata riedet li l-ebda tibdil ma jkun accettabli, allura l-linji gwida ma kinux jigu redatti kif gew redatti. Pero` ghaliex l-Awtorita` intimata kienet konxja li jista'jkun hemm vetturi li jkunu sarulhom xi modifiki li pero` jirriflettu l-epoka, gew redatti l-linji gwida kif gew redatti. It-Tribunal jirrileva illi jista' jaghti l-kaz illi bejn id-definizzjoni vera u proprju ta' vettura *vintage* u l-linji gwida dwar x'inhu u x'mhuwiex accettabbli hemm diskrepanzi li jaghtu lok ghal diffikultajiet bhal dawn. Ghalhekk ikun ghaqli li jekk l-Awtorita` intimata thoss li hemm lok ta' xi aggustamenti fl-istess linji gwida dan isir biex ma jinholqux problemi ta' dan it-tip. Izda ladarba l-linji gwida huma dawk li huma, allura t-Tribunal irid jiddeciedi dan l-appell abbazi tal-istess.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kif komunikata lir-rikorrent permezz tal-ittra datata 2 ta' Marzu 2018. Madankollu t-Tribunal ma jistghax jitratta l-ahhar zewg talbiet tar-rikorrent stante li huwa ma jistghax jarroga lilu nnifsu r-rwol tal-Awtorita` intimata u ghalhekk mhux qed jiehu konjizzjoni taghhom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u fil-limiti ta' dak hawn fuq enuncjat, qieghed jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kif komunikata lilu permezz tal-ittra datata 2 ta' Marzu 2018, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**